MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2021

Appell Inferjuri Numru 378/2012/1 LM

**Rasem Al Soulaiman (K.I. 118811L)**
*("l-appellant")*

***vs.***

**Marija Caruana (K.I. 441138M), Adrian Busietta (K.I. 94835M)**[1]**,**
**u Castello dei Baroni Limited (C 48747)**
*("l-appellati")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Rasem al Soulaiman (K.I. 118811L)**, hawnhekk "l-appellant", minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti"), tal-11 ta' Marzu, 2020 (minn

[1] B'digriet tal-21 ta' Jannar, 2021, wara l-mewt ta' Adrian Busietta, l-atti ġew trasfużi f'isem Marie Caruana (K.I. nru 441138M)

issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"), li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet li m'hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn ir-rikorrent u l-intimati **Marija Caruana (K.I. 441138M), Adrian Busietta (K.I. 94835M)** u **Castello dei Baroni Limited (C 48747)**, u konsegwentement ċaħdet it-talba tiegħu għall-ħlas li huwa jgħid li huwa dovut lilu.

## Fatti

2. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rikorrent talab li l-intimati jiġi kkundannati jħallsuh is-somma ta' ħamest elef, erba' mija u tnejn u għoxrin Euro u tletin ċenteżmu (€5,422.30) jew kwalunkwe somma oħra li tista' tiġi likwidata, rappreżentanti prezz tax-xogħol ta' tqegħid ta' madum u fornitura ta' materjal involut f'dawn ix-xogħlijiet in konnessjoni ma' appalt mogħti lilu mill-intimati u fl-interess tagħhom, fil-kumpless ta' bini magħruf bħala 'Castello dei Baroni' fil-Wardija.

## Mertu

3. Ir-rikorrent istitwixxa dawn il-proċeduri sabiex jitħallas dak dovut lilu skont kuntratt ta' appalt għall-fornitura u t-tqegħid ta' madum, u sostna li l-appalt kien ingħata lilu mill-intimati jew fl-interess tagħhom. Fit-talba tiegħu lill-Qorti, ir-rikorrent spjega li x-xogħol sar minnu, u qal li huwa rċieva l-ħlas ta' depożitu qabel beda x-xogħlijiet, imma baqa' ma tħallasx il-bilanċ dovut lilu.

4. Min-naħa tagħhom l-intimati wieġbu li huma m'għandhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali mar-rikorrent, għaliex huma kienu kkuntrattaw l-appalt ma' terza persuna. Qalu wkoll li x-xogħol meħtieġ ma sarx skont is-sengħa u l-arti u għalhekk ikkawżalhom danni akbar.

5. Ir-rikorrent **Al Soulaiman Rasem**, li qal li għandu nazzjonalità Sirjana, fix-xhieda tiegħu qal li huwa jagħmel xogħol ta' kisi bil-ġibs, u xogħol ta' tqegħid ta' madum. Qal li huwa lill-intimata ma jafhiex, u x-xogħol kien inħadem minnu flimkien ma' ħabib tiegħu, ċertu Arsenio Agius ta' Arsenio Projects. Qal li huwa kien mar fuq il-post flimkien ma' Arsenio Agius, fejn ħadu l-kejl u ħarġu stima. Ir-rikorrent qal li l-intimata Marija Caruana talbet lil Agius jagħtiha *quotation* tax-xogħlijiet, u hija kienet ħallset depożitu bil-quddiem. Ir-rikorrent qal li d-depożitu ngħata lil Agius fil-preżenza tiegħu, u Agius għadda dawn il-flus, erbat elef Euro (€4,000) lir-rikorrent. Ir-rikorrent qal li apparti l-flus tad-depożitu li tħallas, huwa baqgħalu jieħu aktar minn ħamest elef Euro (€5,000) mingħand l-intimati. Ir-rikorrent qal li huwa dam jaħdem f'Castello dei Baroni aktar minn xahar, u huwa kien intalab ipoġġi l-madum fil-parti ta' barra tal-kastell, maġenb il-*pool.* Ir-rikorrent qal li meta lesta x-xogħol li kellu jagħmel, l-intimata kienet infurmatu li kien hemm partijiet fejn ħarġu t-tbajja' fil-madum. Qal li l-madum kien inxtara minnha, u minkejja li huwa offra li jnaddaf il-madum, dan kien magħmul minn materjal li laħaq assorba xi likwidu u għalhekk ittebba'. Ir-rikorrent qal li l-intimata talbet li l-madum jinħadem fuq il-livell li xtaqet hi sabiex meta jitpoġġew l-imwejjed fuqu dawn ma joqogħdux jiċċaqalqu, u għalhekk huwa ma setax jinżel fil-livell li xtaq biex il-madum ikollu qlib aħjar. Kompla jgħid li biex jikkuntenta lill-intimata, u bil-ħsieb li din

tqabbdu jagħmel aktar xogħol, huwa daħal f'aktar spejjeż ta' torba u anki kellu jisprejja l-madum b'likwidu apposta sabiex dan jiġi kulur wieħed. Qal li meta lesta dan ix-xogħol, l-intimata kienet qaltlu li x-xogħol kien għoġobha ħafna, iżda kif kien kważi lesta x-xogħol din bdiet toħloq il-problemi u bdiet tgħid li ż-żebgħa bdiet titqaxxar.

6. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ir-rikorrent spjega li kien Arsenio Agius li talbu jagħmel ix-xogħol tal-madum ġewwa Castello dei Baroni, għaliex dan kien jaf lill-intimata Caruana. Qal li l-ewwel darba li mar fuq il-post sabiex joħroġ stima tax-xogħlijiet u tal-materjal, kien hemm l-intimata Caruana flimkien mal-*handyman* tagħha. A differenza ta' dak li xehed in eżami, ir-rikorrent in kontroeżami qal li l-erbat elef Euro (€4,000) depożitu tħallsu mill-intimata Caruana lilu, fil-preżenza ta' Arsenio Agius li kien xhud li dawn il-flus għaddew bejn il-partijiet.

7. L-intimata **Marija Caruana** xehdet quddiem l-Ewwel Qorti li hija direttriċi ta' Castello dei Baroni, u bejn l-2011 u l-2012 kien hemm il-bżonn li jsiru xi xogħlijiet fil-kastell. Qalet li x-xogħol kien jinvolvi l-bdil tal-madum madwar il-*pool,* u li l-madum jinġieb livell wieħed minħabba li xtaqet telimina tarġa li kien hemm. Qalet li hija kienet kellmet lil Arsenio Agius għaliex kellha fiduċja fih peress li kien ħadmilha qabel, u dan Agius kien mar fuq il-post u taha stima. Qalet li Agius kien qalilha li x-xogħol ma setax jagħmlu hu għaliex dik il-ħabta kellu ħafna x'jagħmel, imma kien irrakkomandalha xi ħaddiema li kienu ħadmulu u li kien sabhom tajbin. Qalet li lir-rikorrent hija ma kinitx tafu qabel mar fuq il-post ma' Arsenio Agius, u l-ħlas tad-depożitu hija għaddietu

lill-istess Agius. Qalet li kien Arsenio Agius li taha l-istima tax-xogħol, u x-xogħol kien sar minn diversi ħaddiema. Qalet li meta tlesta x-xogħol hija talbet lil Arsenio Agius imur fuq is-sit għaliex ma kinitx kuntenta bix-xogħol li kien sar. Qalet li meta Agius bagħatilha l-kont tax-xogħlijiet addizzjonali li kienu saru, hija kienet talbitu jivverifika mal-perit għaliex ma kinitx kuntenta bix-xogħol li sar, iżda minflok tkellem mal-perit, ir-rikorrent kien għamlilha mandat ta' sekwestru. Qalet li min-naħa tagħha hija dejjem ikkomunikat ma' Arsenio Agius. Għad-domandi li sarulha in kontroeżami, ix-xhud qalet li hija kienet qabbdet lil Agius jagħmlilha x-xogħlijiet għaliex qabel huwa kien għamel xogħol għaliha b'ħaddiema Maltin li kellu, u hija kienet kuntenta bix-xogħol li għamel. Qalet li r-rikorrent kien fetaħ din il-kawża għaliex hija baqgħet ma ħallsitx għax-xogħol ħażin li sar. Qalet li fil-fehma tagħha l-ħaddiema li ħa Arsenio Agius fuq il-post kienu qegħdin idumu ma jlestu x-xogħol, u dak iż-żmien hija kienet inkwetata għaliex kellha xi tiġijiet ibbukkjati u kienet qiegħda taħseb li x-xogħol ma kienx ser jitlesta fil-ħin. Qalet li l-ilmenti hija kienet dejjem tressaqhom lil Arsenio Agius, għaliex fil-fehma tagħha dan kien qiegħed jibgħat nies mhux professjonali biex jaħdmu.

8. L-intimata Marija Caruana ppreżentat quddiem l-Ewwel Qorti korrispondenza li hija kienet bagħtet lil Arsenio Agius fiż-żmien meta kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet. F'waħda mill-*emails,* hija qalet: "*I was very satisfied with the job you have done for me in the Museum upstairs in the Castle and I had good comments from Visitors especially Maltese, so please check the works as I know You not the others".*

9. Quddiem l-Ewwel Qorti xehed ukoll il-**Perit Anthony Galea**, li qal li f'Awwissu tal-2012 kienet ikkuntattjatu l-intimata Marija Caruana, u talbitu jagħmel spezzjoni tax-xogħol ta' pavimentar li kien qiegħed isir ġewwa Castello dei Baroni. Qal li huwa għamel spezzjoni fuq is-sit u wara ħareġ rapport għaliex ma kienx kuntent b'żewġ affarijiet partikolari, l-apparenza tiegħu bħala materjal u l-*grouting,* u l-livelli tal-*finished floor level.* Ix-xhud qal li dak iż-żmien ix-xogħol kien għadu għaddej u kien għadu ma tlestiex, u l-inkarigu li ngħata lilu kien sabiex jivverifika li x-xogħol kien qiegħed isir skont is-sengħa u l-arti. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li huwa kien mar jagħmel l-ispezzjoni ftit qabel tlestew ix-xogħlijiet, u meta mar fuq is-sit kien għad hemm xi ħaddiema jagħmlu x-xogħol, imma huwa m'għarafx lir-rikorrent bħala wieħed mill-persuni li kien qiegħed jaħdem fuq is-sit. Qal li waqt li kien fuq is-sit, seta' jikkonstata li x-xogħol ma kienx qiegħed isir sew, imma huwa ma waqqafx lill-ħaddiema milli jkomplu bix-xogħol għaliex ipprefera jagħmel rapport. Ix-xhud qal li huwa kien għamel spezzjoni oħra wara li x-xogħol kien tlesta, u seta' jikkonstata li l-*grouting* ta' madwar il-madum ma kienx jaqbel mal-kumplament bħala kulur, u l-livelli tal-madum ma sarux kif mitlub mill-intimata, u għalhekk kien hemm xi postijiet li kienu qegħdin iżommu l-ilma. Qal li dakinhar huwa seta' jara wkoll li l-*grouting* bejn maduma u oħra kien qiegħed jinqala' wkoll. Ix-xhud qal li huwa ma setax jikkwantifika l-ħsara li kien hemm kemm kienet tiswa, għaliex il-ħsara fil-*grouting* kienet f'parti kbira tal-madum li tqiegħed, u l-problema fil-livelli kienet fil-paviment kollu li sar. Qal li x-xogħol irid isir mill-ġdid, jew inkella l-intimati kellhom jaċċettaw is-

sitwazzjoni kif inhi. Ix-xhud ippreżenta kopja tar-rapport[2] li kien ħejja għall-intimati in sostenn tax-xhieda tiegħu.

10. **Robert Spiteri** xehed li fis-sena 2012 kien jaħdem bħala *manager* ġewwa Castello dei Baroni, u qal li għad li ma kellux x'jaqsam direttament max-xogħol li kien qiegħed isir, qal li dak iż-żmien huwa kien irrimarka mal-intimata Maria Caruana fis-sens li x-xogħol li kien qiegħed isir ma kienx ta' ċertu livell. Qal li ħafna min-nies li kienu jorganizzaw it-tiġijiet tagħhom fil-Kastell bdew jilmentaw. Qal li wara li tlesta x-xogħol kien hemm kullimkien imċappas biż-żebgħa ħamra, kien qed jinġema' ħafna ilma fiż-żona fejn hemm il-*pool,* u kienu qegħdin isiru ħafna ilmenti mill-*caterers* għaliex il-bar ġie baxx aktar u għalhekk il-ħaddiema kienu qegħdin ibatu aktar biex jaħdmu. Qal li huwa kien ġibed diversi drabi l-attenzjoni tal-intimata Marija Caruana dwar is-sitwazzjoni. Ix-xhud qal li huwa sar jaf mingħand l-intimata Caruana li kien hemm min ikkanċella r-riċeviment tat-tieġ fil-Kastell minħabba l-istat li kien fih waqt u wara li kienu saru dawn ix-xogħlijiet.

11. Permezz ta' nota, l-intimati ppreżentaw kopji ta' żewġ stimi maħruġa minn Arsenio Agius rigward ix-xogħlijiet li kellhom isiru, kif ukoll kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejn Agius u l-intimata Caruana.

## Is-Sentenza Appellata

12. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-11 ta' Marzu, 2020, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni tal-

---

[2] *A fol.* 60 *et seq.* tal-proċess.

intimati stante li din ġiet irtirata minnhom, filwaqt li laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tagħhom u ddikjarat li m'hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn ir-rikorrent u l-intimati, u għalhekk ċaħdet it-talba tar-rikorrent, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

*It-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, u ċioe dik li x-xogħlijiet ma sarux skont l-arti u s-sengħa, ġiet irtirata minnhom fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014, u għalhekk din il-Qorti mhix se tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.*

***L-Ewwel Eċċezzjoni – In-Nuqqas ta' Relazzjoni Ġuridika***

*L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hija li ma teżisti l-ebda rabta kontrattwali bejniethom u bejn l-attur, stante li huma kkontrattaw l-appalt mertu tal-kawża ma' terzi u mhux mal-attur. Sabiex jippruvaw din l-allegazzjoni tagħhom, il-konvenuti straħu fuq id-depożizzjoni tal-konvenuta Maria Caruana. Dan qiegħed jingħad għaliex filwaqt li l-konvenut Adrian Busietta ma xehedx f'dawn il-proċeduri, id-depożizzjoni taż-żewġ xhieda l-oħra prodotti mill-konvenuti kienet diretta biss lejn il-kwalità tax-xogħlijiet esegwiti, u mhux biex tissostanzja din l-ewwel eċċezzjoni, stante li dawn iż-żewġ xhieda ma kinux involuti fit-trattattivi meta ġie konkluż il-kuntratt tal-appalt.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Burmarrad Commercials Limited vs Desmond Mizzi et****, deċiża fit-28 ta' Frar, 2007 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (fn. 8 per Imħallef Philip Sciberras), ingħad illi "*b'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem dak l-att jew pluralità t'atti konnessi li jimmiraw għall-produzzjoni t'effetti ġuridiċi fl-ambitu tad-drittijiet bejn żewġ soġġetti jew aktar"*. Illi għalhekk sabiex tiddetermina l-eżistenza ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet f'din il-kawża, jeħtieġ li l-Qorti teżamina jekk mill-provi prodotti fil-kawża, il-konvenuti jikkonfigurawx bħala s-soġġetti idonei fid-dawl tar-rapport ġuridiku mertu tal-kawża.*

*Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi dan l-appalt ma kienx ingħata permezz ta' ftehim bil-miktub. Il-konvenuta Maria Caruana xehdet li l-kontrattazzjoni dwar dawn ix-xogħlijiet ma kinitx tagħmilha mal-attur iżda ma' Arsenio Agius u għalhekk ir-relazzjoni kuntrattwali li tnisslet kienet biss ma' Agius. Għalkemm tirrikonoxxi li hija kienet konsapevoli li x-xogħlijiet ma kinux ser jiġu esegwiti minn Agius iżda minn terzi, hija tinsisti li r-relazzjoni kontrattwali dejjem baqgħet ma' Arsenio Agius.*

*Min-naħa l-oħra, l-attur jinsisti li qabel ma nbdew ix-xogħlijiet huwa kien mar fuq il-post ma' Arsenio Agius fejn hemmhekk Agius kien introduċa lill-attur mal-konvenuta Maria Caruana. L-attur isostni li l-attriċi kienet talbitu jagħtiha stima tax-xogħlijiet u jispjega li l-istimi ħarġu fuq isem Arsenio Agius għaliex il-konvenuta kienet taf lil Agius u mhux lilu. L-attur xehed li l-konvenuta riedet li l-ħlas tad-depożitu jsir fil-preżenza ta' Agius sabiex dan ikun xhud tal-ħlas, tant li skont l-attur, fil-preżenza tiegħu l-konvenuta għaddiet il-ħlas akkont lil Agius u dan għaddieh lilu.*

*Fid-dawl tal-provi kollha prodotti f'din il-kawża, il-Qorti tinsab konvinta illi f'dan il-każ l-appaltatur ewlieni kien Arsenio Agius. Dan qiegħed jingħad għaliex l-istimi esebiti mill-attur stess u li abbażi tagħhom qiegħed jippretendi l-ħlas mitlub permezz ta' din il-kawża huma maħruġa fuq l-intestatura ta' Arsenio Agius. Inoltre, mill-korrispondenza esebita mill-konvenuti fil-forma ta' diversi emails li huma datati fiż-żmien kemm qabel u anke waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet, kollox jindika li r-relazzjoni kontrattwali tal-konvenuti dejjem kienet ma' Arsenio Agius. B'mod partikolari, fl-email datata 10 ta' Jannar, 2012, Arsenio Agius qiegħed jitlob lill-konvenuta Caruana sabiex tibgħatlu informazzjoni dwar l-ammont ta' madum, u imbagħad f'email sussegwenti datata 22 ta' Jannar, 2012 Agius bagħat stima lill-konvenuta Caruana. Fil-fehma tal-Qorti, aktar sinifikanti hija l-email datata 21 ta' Frar, 2012 li permezz tagħha Arsenio Agius bagħat stima oħra (probabbilment it-tieni stima esebita u li ġġib l-istess data ta' din l-email) u li fiha talab lill-konvenuta Caruana tħallsu depożitu fuq din l-istima u parti mill-ħlas tal-ewwel stima.*

*Fl-assenza ta' ftehim bil-miktub, il-Qorti ssibha diffiċli li taċċetta l-verżjoni tal-attur li l-appalt sar direttament bejnu u bejn il-konvenuti. Dan għar-raġuni li l-provi dokumentarji kollha jindikaw li l-appalt sar ma' Arsenio Agius u mhux mal-attur. Anke l-ilmenti li l-konvenuta Maria Caruana kien ikollha dwar l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet kienet tagħmilhom mal-istess Agius. Dan jirriżulta minn email oħra datata 19 ta' Frar, 2012 mibgħuta mill-istess Caruana lil Agius li fiha hija tindika diversi nuqqasijiet li fil-fehma tagħha kienu jirriżultaw fix-xogħlijiet fit-tqegħid tal-madum, u fejn talbet lil Agius sabiex jaċċedi fuq il-post sabiex ikun jista' jikkonstata dawn in-nuqqasijiet personalment.*

*Il-fatt biss li l-konvenuta Caruana kienet konsapevoli tal-fatt li Agius kien ta lill-attur subappalt sabiex iqiegħed il-madum ma jikkrea l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-attur – il-konvenuta Caruana, bħala kommittent, tibqa' estranea għal dan is-subappalt. Fis-sentenza* ***William Bugeja vs Stephen Carter*** *deċiża 6 ta' Ottubru, 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (fn. 9 per Imħallef Philip Sciberras) irriteniet hekk:* "In linea ta' prinċipju, ftehim bħal dan, in kwantu kontraddistint minn ċessjoni

pura, jiġġenera rapport obbligatorju bejn is-subappaltant u s-subappaltatur li fih il-kommitenti huwa estraneju. Dan, avolja, il-kommittent ikun akkonsentixxa għal dak is-subappalt." *L-istess ġie ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (fn. 10 per Imħallef Giannino Caruana Demajo) fis-sentenza* ***Edward Sullivan vs Paul Mifsud et*** *deċiża fil-11 ta' Ottubru, 2002, fejn intqal hekk:* "Għalkemm il-konvenut seta' jqabbad lil ħaddieħor b'subappalt, b'hekk ma jkunx qiegħed jeħles mir-responsabbilità kuntrattwali tiegħu lejn l-attur, u anzi jsir ukoll responsabbli għal dak li jagħmel is-subappaltatur imqabbad minnu. Il-fatt illi l-attur kien jaf illi l-konvenut kien sejjer iqabbad subappaltatur ma jibdel xejn minn dan."

*Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti għandha tiġi milqugħa.*

***Konklużjoni***

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti:*

1. *Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti stante li din ġiet minnhom irtirata,*
2. *Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li ma teżisti l-ebda relazzjoni kontrattwali bejn l-attur u l-konvenuti, u konsegwentement it-talba tal-attur qiegħda tiġi miċħuda.*

*L-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu subiti mill-attur."*

## L-Appell

13. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mis-sentenza appellata permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-8 ta' Mejju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha takkolji dan l-appell, u tħassar, tannulla s-sentenza fl-ismijiet 'Al Soulmain Rasem vs Marija Caruana et', deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Marzu, 2020 u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tal-appellanti hekk kif dedotti fir-rikors promutur, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess intimati, issa appellati."*

L-appellant spjega li huwa ħass ruħu aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti għaliex fil-fehma tiegħu din kienet żbaljata meta kkonkludiet li huwa ma kellu l-ebda relazzjoni kuntrattwali diretta mal-intimati, u għalhekk jemmen li t-talbiet tiegħu kellhom jiġu milqugħa.

14. L-appellant spjega li x-xogħlijiet inkwistjoni saru fi Frar u Marzu tal-2012, u kienu jikkonsistu prinċipalment fit-tqegħid ta' madum. Qal li huwa sar jaf b'dan ix-xogħol minn għand ċertu Arsenio Agius, li fil-kummerċ huwa magħruf bħala Arsenio Projects. Kien Agius li laqqa' lill-appellant mal-intimata Marija Caruana, u kien ħadu miegħu ġewwa Castello dei Baroni. Spjega li wara li l-intimata u l-appellant tkellmu għal xi ħin, din talbitu jieħu l-kejl u joħroġ stima tax-xogħlijiet li kien hemm bżonn li jsiru, imma peress li dak iż-żmien l-intimata lir-rikorrent ma kinitx tafu, hija kienet talbet lil Agius joħroġ l-istima u jibgħathielha hu. L-appellant qal li x-xogħol ġie kkuntrattat direttament bejn il-partijiet fil-kawża, u l-intimata Caruana l-*quotation* kienet talbitha lilu. L-appellant qal li anki l-ħlas tad-depożitu ngħata lilu b'mod dirett. L-appellant qal li mill-provi jirriżulta li wara li ntlaħaq qbil fuq il-prezz, l-intimata ħallset id-depożitu lilu fil-preżenza ta' Agius li kien xhud ta' dak li ġara. L-appellant qal li x-xogħlijiet fil-Kastell fil-Wardija kienu saru minnu, imma meta l-intimati ġew iffaċċjati b'talba għall-ħlas għal dan ix-xogħol, dawn ippruvaw jaħarbu mill-obbligi tagħhom. Qal li ma nġabet l-ebda prova li huwa kellu relazzjoni ta' subappaltatur ma' ħaddieħor, u l-intimati naqsu milli jtellgħu lil Arsenio Agius biex jixhed fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. L-appellant qal li huwa ftiehem dwar il-prezz tax-xogħol fil-preżenza ta' Agius, u kieku kien hemm subappaltatur fin-nofs, żgur li huwa ma kienx ser jinnegozja l-prezz tax-xogħol

quddiemu. L-appellant qal ukoll li kemm hu kif ukoll l-intimata Caruana kienu konsistenti dwar il-ħlasijiet li saru minnha, u t-tnejn li huma kkonfermaw li l-ħlasijiet l-intimata għamlithom lil Agius, li sussegwentement għaddiehom lir-rikorrent. L-appellant qal li Arsenio Agius kien il-persuna li laqqgħet lill-partijiet, għaliex dan kien igawdi l-fiduċja tat-tnejn li huma, u ntalab iservi bħala xhud għall-ftehim li ntlaħaq u għall-pagamenti li saru. L-appellant qal li tant Arsenio Agius ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan ix-xogħol, li lanqas biss resaq fuq is-sit, u meta l-intimata bagħtet lil Agius l-ilmenti tagħha, hija għamlet hekk għaliex kellha fiduċja fih u kienet tafu.

15. L-appellant żied jgħid li mill-provi rriżulta li l-intimata kienet tagħti d-direzzjonijiet dwar kif kellu jsir ix-xogħol lilu direttament, u din qalet li kien inqala' diżgwid bejniethom minħabba l-livelli tal-bar u l-qlib tal-madum. L-intimata ilmentat ukoll minħabba l-kulur tal-madum, u dwar ix-xogħlijiet rimedjali li kellhom isiru. L-appellant żied jgħid li kull darba li huwa tkellem mal-intimati dwar il-ħlas, huma qatt ma qalulu li ma kinux jafuh fir-rigward tax-xogħlijiet li saru. L-appellant żied jgħid li l-intimata appellata kienet taf li x-xogħlijiet ma kinux ser isiru minn Agius, għaliex dan kien infurmaha li kellu ħafna x'jagħmel u li ma kienx qiegħed ilaħħaq, u kien għalhekk li huwa introduċieha mal-appellant biex jagħmel ix-xogħlijiet minfloku. L-appellant qal li l-unika diffikultà dwar jekk kienx hemm relazzjoni bejn il-partijiet, inħolqot mill-intimata stess meta qalet li l-istima tax-xogħlijiet ingħatat lilha minn Arsenio Agius, u fil-fehma tagħha Agius kellu jingaġġa n-nies biex jagħmlu x-xogħlijiet huma. L-appellant qal ukoll li l-eċċezzjonijiet imressqa oriġinarjament mill-intimati kienu konfliġġenti, għaliex f'każ li huma verament ma kinux

ikkuntrattaw l-ebda xogħol direttament miegħu, ma jagħmel l-ebda sens li huma jgħidu li x-xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti. Qal li kien għalhekk li l-intimati kienu kostretti jirtiraw it-tieni eċċezzjoni tagħhom.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

16. B'riferiment għall-mertu tal-appell, l-appellati wieġbu li mhuwiex ikkontestat li l-appellata Marija Caruana riedet tagħmel xi xogħol fil-proprjetà magħrufa bħala 'Castello dei Baroni' fil-Wardija, u l-appellant wettaq parti minn dawn ix-xogħlijiet. Qalu wkoll li mhuwiex ikkontestat li l-ewwel darba li l-partijiet iltaqgħu kien fuq is-sit fejn kellhom isiru x-xogħlijiet, fil-preżenza ta' Arsenio Agius. Qalu li l-punt in kontestazzjoni huwa li filwaqt li l-appellant qiegħed jgħid li hemm relazzjoni ġuridika diretta bejnu u l-appellata peress li kienet hi li ingaġġatu biex jagħmel ix-xogħlijiet inkwistjoni, l-appellata tgħid li hija kienet ingaġġat lil Arsenio Agius biex jagħmel ix-xogħlijiet u dan Agius kien ingaġġa lill-appellant bħala subappaltatur. L-appellati qalu li mill-provi jirriżulta li l-appellata Maria Caruana dejjem uriet li riedet tingaġġa lil Arsenio Agius, għaliex dan kien ħadmilha qabel u hija kellha fiduċja fih. Mill-provi jirriżulta wkoll li Arsenio Agius kien mar fuq is-sit flimkien mal-appellant, u filwaqt li kien informa lill-appellata li x-xogħol rikjest ma setax isir minnu għax dik il-ħabta kellu ħafna x'jagħmel, kien ħa miegħu lill-appellant u introduċieh bħala persuna li kien tajjeb f'xogħlu. L-appellati jgħidu wkoll li mill-provi jirriżulta li l-appellata Caruana dejjem iddiskutiet ix-xogħol u d-dettalji kollha ma' Agius, u mhux mal-appellant. L-appellati għamlu riferiment għall-istima tax-xogħlijiet

esebita fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, liema stima jidher ċar li qiegħda fuq *letterhead* ta' Arsenio Agius bid-dettalji tiegħu. L-intimati qalu li anki d-depożitu ngħata lil Arsenio Agius u mhux lill-appellant, kif jirriżulta mill-kitba li hemm fuq l-istess stima. L-appellati għamlu riferiment ukoll għat-tieni stima ppreżentata mill-appellant, li jirriżulta li nħarġet madwar ħames ġimgħat wara l-ewwel stima, fejn hemm indikat '*addition of Fixing of extra tiles in the stairs near the pool areas. Stairs by 2'.* Qalu li minkejja li din l-istima hija tax-xogħlijiet addizzjonali mitluba mill-appellati, anki din l-istima inħarġet minn Arsenio Projects. L-appellati qalu li kieku l-verżjoni tal-appellant hija veritiera, ma kienx ikun hemm għalfejn tinħareġ stima fuq kuntrattur ieħor, għaliex l-istima setgħet faċilment tinħareġ mill-appellant. Qalu wkoll li huma ma jidħlux fil-kwistjoni dwar jekk Arsenio Agius, bħala l-appaltatur, għamilx sew li ġabar il-flus quddiem is-subappaltatur. L-appellati qalu wkoll li l-appellant mhux ikun veritier meta jgħid li Arsenio Agius ma tressaqx jixhed mill-appellati, għaliex mill-provi għandu jirriżulta li Arsenio Agius tressaq biex jixhed mill-appellant fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2014 quddiem l-Ewwel Qorti, u dan ippermetta li l-istess Agius jkun preżenti fl-awla waqt li l-appellant kien qiegħed jixhed.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina l-aggravju sollevat mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha u fid-dawl tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellati. Fl-aggravju tiegħu l-appellant qiegħed jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika diretta bejn il-partijiet, stante li l-appalt

ingħata mill-appellati lil Arsenio Agius u mhux lill-appellant. Il-Qorti tqis li d-determinazzjoni tal-kawża tiddependi ħafna fuq il-provi miġjuba u fuq dak li jirriżulta li ġie miftiehem bejn il-partijiet.

18. Il-kwistjoni bejn il-partijiet taf il-bidu tagħha fis-sena 2012, meta l-appellati kellhom jagħmlu xi xogħlijiet ta' tibdil ta' madum fil-proprjetà tagħhom magħrufa bħala 'Castello dei Baroni' fil-Wardija. Huwa paċifiku bejn il-partijiet li għal dan ix-xogħol, l-appellata Marija Caruana inkarigat lil Arsenio Agius, li fil-kummerċ huwa magħruf bħala Arsenio Projects, u dan għaliex fil-passat kien għamlilha xi xogħol u kien kiseb il-fiduċja tagħha. L-appellant fix-xhieda tiegħu kkonferma li hu lill-appellati ma kienx jafhom, u fuq is-sit huwa kien mar ma' Arsenio Agius, li huwa ddeskrivieh bħala ħabib tiegħu, li dik il-ħabta kien imħabbat b'xogħol ieħor u għalhekk ma setax jagħmel ix-xogħlijiet tal-intimati hu. L-appellant spjega li meta mar fuq is-sit, l-appellata talbet stima tax-xogħlijiet. Mill-provi jirriżulta li l-istima nħarġet fuq *letterhead* ta' Arsenio Projects. Minkejja li kemm l-appellant kif ukoll l-appellata Caruana qablu li kien hemm ħlas ta' depożitu, kif anki jirriżulta minn dak li nkiteb fuq l-istima, l-appellant ta żewġ verżjonijiet differenti dwar dan il-ħlas lil min sar. L-ewwel darba li xehed quddiem l-Ewwel Qorti fis-17 ta' April, 2013, l-appellant qal li d-depożitu kien ingħata lil Arsenio Agius, li sussegwentement għaddieh lilu. Imma f'udjenza sussegwenti tas-27 ta' Jannar, 2014, l-appellant qal li d-depożitu kien ingħata direttament lilu, filwaqt li Arsenio Agius kien xhud li dan il-ħlas kien verament sar.

19. Min-naħa tagħha l-appellata qalet li hija kienet inkarigat lil Arsenio Agius peress li kellha fiduċja fih għaliex kien għamlilha xi xogħol qabel, imma dan

kien qalilha li x-xogħol ma setax jagħmlu hu, u kien irrakkomandalha xi ħaddiema li huwa kien jaf li jagħmlu xogħol tajjeb. L-appellata qalet li l-istima tax-xogħol inħarġet minn Agius u fuq is-sit kien ikun hemm diversi ħaddiema jaħdmu. Qalet li meta hija kellha ilmenti x'tagħmel dwar il-kwalità tax-xogħol, hija ilmentat ma' Agius għax fil-fehma tagħha ma kienx qiegħed jibgħat ħaddiema professjonali fuq is-sit, tant hu hekk li f'*email* partikolari l-appellata kitbet *"I know You not the others"*. Il-Qorti kkonsidrat li din l-*email* tindika li l-imġiba tal-appellati kienet konsistenti mal-ħsieb tagħhom li huma l-appalt tawh lil Arsenio Agius, minkejja li kienu jafu li x-xogħol ser isir minn terzi. Mill-proċess jirriżultaw diversi provi li juru li ma kien hemm l-ebda rabta kuntrattwali bejn il-partijiet f'din il-kawża, fosthom il-fatt li ż-żewġ stimi nħarġu kollha fuq *letterhead* ta' Arsenio Agius jew Arsenio Projects, il-fatt li kien Arsenio Agius li kien jikkomunika mal-appellata permezz tal-*emails* u jitlobha dettalji dwar l-ammont ta' madum u x-xogħol li kellu jsir, il-fatt li kien Arsenio Agius li talab il-ħlas tad-depożitu, il-fatt li l-ilmenti min-naħa tal-appellati kienu jsiru ma' Agius, kif ukoll il-fatt li meta l-appellata ma kinitx sodisfatta bix-xogħol, din talbet lil Agius imur fuq is-sit sabiex jara għalfejn ix-xogħlijiet li kienu qegħdin jagħmlu l-ħaddiema ma kienx għas-sodisfazzjon tagħha. Il-Qorti tqis li dawn il-fatturi kollha jindikaw li r-rabta ġuridika tal-appellati kienet ma' Arsenio Agius u mhux mal-appellant, u għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-konklużjoni tagħha li ma teżisti l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn ir-rikorrent u l-intimati, u konsegwentement it-talba tar-rikorrenti ġiet miċħuda. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li f'każ li l-appellant ried jipprova x'kien ġie miftiehem bejnu u Arsenio Agius dwar il-modalità tal-ħlas u dettalji oħra dwar dan l-inkarigu, l-oneru ta' tali prova kien jispetta lilu, u

għalhekk kien hu li naqas li jipproduċi lil Arsenio Agius bħala xhud f'dawn il-proċeduri. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-aggravju mressaq mill-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**